VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

23 ta' Novembru, 2012

ATT Nru. XIX tal-2012

ATT li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, Kap. 55.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2012 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili. Kap. 55.

2. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali". Emendi għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili. Kap. 55.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima, u huwa jista' wkoll jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta liema dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u liema għanijiet differenti tagħha għandhom japplikaw għal atti nutarili Bidu fis-seħħ.

ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 28 tal-Att prinċipali

3. L-artikolu 28 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (iv) tal-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "meta l-partijiet li jkunu qed jidhru personalment" għandhom jidħlu l-kliem "meta l-komparenti";

(ii) fis-subparagrafu (v) tal-paragrafu (k) tiegħu, minflok il-kliem "jekk xi waħda mill-partijiet" għandhom jidħlu l-kliem "jekk xi wieħed mill-komparenti"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-partijiet" għandhom jidħlu l-kliem "il-komparenti".

Emenda tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali.

4. Fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "tal-artikoli 25(1), (2), (3), (4) u (5)" għandhom jidħlu l-kliem "tal-artikoli 25(2), (3), (4) u (5)".

Emenda tal-artikolu 128 tal-Att prinċipali.

5. Fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 128 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem "id-destinazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "id-destituzzjoni".

TAQSIMA II

Emendi għall-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Att XXIV tal-2011)

Emendi għall-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili. Att XXIV tal-2011.

6. (1) Din it-Taqsima temenda l-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Att XXIV tal-2011), u għandha tinqara u tinftiehem ħaga waħda mal-Att tal-2011 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili (Att XXIV tal-2011), hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att li jemenda". L-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkiviji Nutarili (Kap 55) hu hawn iżjed 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Bidu fis-seħħ.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għal għanijiet differenti ta' din it-Taqsima, u huwa jista' wkoll jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta liema dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u liema

VERŻJONI ELETTRONIKA

għanijiet differenti tagħha għandhom japplikaw għal atti nutarili ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet differenti ta' din it-Taqsima.

Emenda tal-artikolu 20 tal-Att li jemenda.

7. L-artikolu 20 tal-Att li jemenda, li jissostitwixxi l-artikolu 25 tal-Att prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (6) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali kif sostitwit, minflok il-kliem "ta' dan l-att" għandhom jidħlu l-kliem "ta' dan l-Att", u fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali kif sostitwit, minflok il-kliem "tal-att jew qabel" għandhom jidħlu l-kliem "tal-att u qabel"; u

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż tiegħu, fis-subartikolu (6) tal-artikolu 25 tal-Att prinċipali kif sostitwit, minflok il-kliem "and nor does" għandhom jidħlu l-kliem "nor does".

Emenda tal-artikolu 38 tal-Att li jemenda.

8. Il-paragrafu (b) tal-artikolu 38 tal-Att li jemenda għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) il-kelma "partijiet" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "komparenti".".

Emenda tal-artikolu 55 tal-Att li jemenda.

9. Is-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tal-artikolu 55 tal-Att li jemenda għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) il-kliem "tal-artikolu 81(4), it-testmenti pubbliċi, l-atti ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti, u" għandhom jiġu sostiwiti bil-kliem "tal-artikolu 81(5), it-testmenti pubbliċi u";".

Sostituzzjoni tal-artikolu 61 tal-Att li jemenda.

10. L-artikolu 61 tal-Att li jemenda għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"61. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 75 tal-Att prinċipali l-kelma "lanqas" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "ħlief".".

Emenda tal-artikolu 72 tal-Att li jemenda.

11. L-artikolu 72 tal-Att li jemenda li jżid it-Taqsima ġdida IV A u l-artikoli ġodda 94A u 94B mal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) l-artikolu 94A tiegħu, kif miżjud, għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (1) tiegħu, fit-tifsira ta' "testmenti" minflok il-kliem "it-testmenti oriġinali" għandhom jidħlu l-kliem "it-testmenti oriġinali; u l-atti oriġinali ta' kunsinna ta' testmenti sigrieti pubblikati sal-31 ta' Diċembru 2011";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (19) tiegħu, minflok il-kliem "tal-artikoli 20, 70(1) u 126" għandhom jidħlu l-kliem "tal-artikoli 17(1), 20, 70(1) u 126"; u

(b) fl-artikolu 94B tiegħu kif miżjud, il-paragrafu (b) tas-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi mħassar, u l-paragrafu (a) tas-subartikolu (7) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (7) tiegħu.

Emenda tal-artikolu 78 tal-Att li jemenda.

12. L-artikolu 78 tal-Att li jemenda, li jissostitwixxi l-artikolu 110 tal-Att prinċipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (3) tal-artikolu 110 tal-Att prinċipali kif sostitwit, minflok il-kelma "maġistrat" għandhom jidħlu l-kliem "maġistrat fil-kariga";

(b) fis-subartikolu (8) tal-artikolu 110 tal-Att prinċipali kif sostitwit, minflok il-kliem "il-Qorti tal-Appell" għandhom jidħlu l-kliem "l-Avukat Ġenerali" u minflok il-kliem "l-Qorti ta' Reviżjoni ta' Attijiet Nutarili" għandhom jidħlu l-kliem "l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili"; u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (9) tal-artikolu 110 tal-Att prinċipali kif sostitwit, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid:

"(10) (a) Jekk ma ssirx il-ħatra msemmija fis-subartikolu (5) fi żmien xahrejn minn meta trid issir jew jekk għal xi raġuni il-kariga tkun battala għal aktar minn xahrejn, il-maġistrat l-aktar anzjan għandu *ex officio*, mingħajr ħtieġa ta' ebda formalità u minkejja kull liġi li tiddisponi xort'oħra, jippresjedi l-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili għaż-żmien li ma ssirx il-ħatra jew il-kariga tkun battala u, f'każ li għal xi raġuni dak il-maġistrat ma jkunx jista' jippresjedi l-Qorti, il-maġistrat l-aktar anzjan li jiġi minnufih warajh fl-anzjanità għandu *ex officio* jippresjedi hu dik il-Qorti, u tibqa' sejjer hekk.

(b) F'dan is-subartikolu l-fraża "maġistrat l-aktar anzjan" tfisser dak il-maġistrat li jkun f'din il-kariga u li jkun ilu fiha għall-itwal żmien, indipendentement mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

(ċ) Għaż-żmien li l-maġistrat imsemmi fil-paragrafu (a) ikun qiegħed jippresjedi dik il-Qorti, kull riferenza f'dan l-Att u f'kull liġi għall-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili jew xi riferenza simili għandha tkun riferenza għall-maġistrat imsemmi f'dak il-paragrafu li jkun qiegħed jippresjedi dik il-

Qorti.”.

13. Il-paragrafu (b) tal-artikolu 80 tal-Att li jemenda għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej: Emenda tal-artikolu 80 tal-Att li jemenda.

"(b) il-kliem "mill-qorti kolleġjali hawn fuq imsemmija jew minn wieħed mill-Viżitaturi waħdu" fis-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-imsemmija Qorti ta’ Reviżjoni"; u".

14. Fl-artikolu 83 tal-Att li jemenda, minflok il-kliem "L-artikolu 114 tal-Att prinċipali" għandhom jidħlu l-kliem "L-artikolu 117 tal-Att prinċipali". Emenda tal-artikolu 83 tal-Att li jemenda.

15. Fil-paragrafu (b) tal-artikolu 86 tal-Att li jemenda, li jissostitwixxi s-subartikolu (1) tal-artikolu 120 tal-Att prinċipali, minflok il-kliem, fis-subartikolu (1) kif sostitwit, "dak li hu meħtieġ bl-artikolu 94A(10), (11) and (12)" għandhom jidħlu l-kliem "dak li hu meħtieġ bl-istess subartikolu (18)". Emenda tal-artikolu 86 tal-Att li jemenda.

16. L-artikolu 99 tal-Att li jemenda għandu jiġi emendat billi l-paragrafi kollha tiegħu minn (b) sa (g), it-tnejn inklużi, għandhom jiġu sostitwiti b’dawn li ġejjin: Emenda tal-artikolu 99 tal-Att li jemenda.

“(b) l-artikolu 242 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Imħallef irtirat, jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta’ Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(ii) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kliem "ta’ wieħed mill-Viżitaturi hawn fuq imsemmijin" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-imsemmi Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat";

(ċ) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 253 tiegħu l-kliem "ta’ wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta’ Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(d) l-artikolu 257 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem “mill-Viżitaturi” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “mill-Qorti ta’ Reviżjoni”;

(ii) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "minn wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti

bil-kliem "mill-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(iii) fis-subartikolu (4) tiegħu l-kliem "l-Viżitatur jidhirlu li jeħtieġ u l-Viżitatur għandu, qabel ma joħroġ ordni, iħalli" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "dak l-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat jidhirlu li jeħtieg u għandu, qabel ma joħrog ordni, iħalli";

(iv) fis-subartikolu (5) tiegħu l-kliem "tal-ordni mill-Viżitatur kif imsemmi hawn qabel" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-ordni, kif imsemmi hawn qabel, minn dak l-Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat ";

(v) fis-subartikolu (8) tiegħu l-kliem "mill-Viżitatur kif imsemmi hawn qabel" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif imsemmi hawn qabel minn dak l-Imħallef irtirat jew mill-Maġistrat irtirat jew mill-avukat irtirat";

(vi) fis-subartikolu (9) tiegħu l-kliem "mill-Viżitatur" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn dak l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat";

(dd) fis-subartikolu (5) tal-artikolu 270 tiegħu l-kliem "ta' wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(e) l-artikolu 280 tiegħu fis-subartikolu (2) għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu l-kliem "wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(ii) fil-paragrafu (c) tiegħu l-kliem "xi wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(f) l-artikolu 281 tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu l-kliem "lil wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat

irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(ii) fis-subartikolu (3) tiegħu l-kelma "Viżitatur" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Imħallef irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat";

(g) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 286 tiegħu l-kliem "ta' wieħed mill-Viżitaturi tal-atti nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Imħallef irtirat jew il-Maġistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili";

(gg) fil-formula BB tat-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tiegħu, b'riferenza għall-artikolu 281 tiegħu:

(i) il-kliem "mill-Viżitatur hawn taħt iffirmat li għandu jisma'" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-Qorti li għandha tisma'";

(ii) il-kliem "E.F. Viżitatur tal-Atti Nutarili" għandhom jiġu sostitwiti bil-kelma "Reġistratur"; u".

Emenda tal-artikolu 103 tal-Att li jemenda.

17. L-artikolu 103 tal-Att li jemenda għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafi (a) u (b) tiegħu, minflok il-kliem "qabel is-sena 2015" għandhom jidħlu l-kliem "qabel is-sena 2018";

(ii) fil-paragrafu (ċ) tiegħu, minflok il-kliem "sas-sena 2014" għandhom jidħlu l-kliem "sas-sena 2017", u minflok il-kliem "sal-aħħar tas-sena 2014" għandhom jidħlu l-kliem "sal-aħħar tas-sena 2017";

(b) fis-subartikolu (6) tiegħu, minflok il-kliem "Ottubru 2012." għandhom jidħlu l-kliem "Ottubru 2012:" u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-*provisos* ġodda li ġejjin:

"Iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8(7) tal-Att prinċipali kif sostitwit b'dan l-Att m'għandhomx japplikaw għal persuni li jagħmlu l-eżami ta' kwalifika qabel is-sena 2018:

Iżda wkoll il-Bord ta' Eżaminaturi maħtur skont l-artikolu 7 tal-Att prinċipali kif sostitwit b'dan l-Att ikollu l-jedd, fid-diskrezzjoni tiegħu qabel is-sena 2018, li jżomm

eżami ieħor ta' kwalifika f'xi sena kalendarja, b'dana li dan l-eżami ma jistax isir inqas minn sitt xhur wara d-data tar-riżultati tal-eżami li jkun sar f'Marzu ta' dik is-sena."; u

(ċ) fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (11) tiegħu, minflok il-kliem "*res judicata*." għandhom jidħlu l-kliem "*res judicata*:", u minnufih wara għandu jiżdied dan il-proviso ma' dak eżistenti:

"Iżda wkoll li sakemm il-Ministru responsabbli għall-affarijiet nutarili ma jagħmilx, skont il-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, regolamenti dwar atti ppubblikati qabel id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 40 tal-Att prinċipali kif sostitwit b'dan l-Att, min-nutara li jkunu mietu fi kwalunkwe żmien, ir-
L.S. 55.05 Regolamenti dwar Atti ta' Nutara Mejtin, li saru permezz tal-Avviż Legali 303 tal-2005, għandhom jibqgħu fis-seħħ minkejja li l-artikolu 40 tal-Att prinċipali, li bis-saħħa tiegħu kienu saru dawk ir-regolamenti, ġie sostitwit permezz ta' dan l-Att.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 523 tad-19 ta' Novembru, 2012.

MICHAEL FRENDO
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati